**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 7 ta' Awwissu 2016**

Numru 1

**Fl-atti tar-Rikors Nru. 29/2017**

**Raymond Mifsud**
**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Raymond Mifsud tal-11 ta' Lulju 2017 li ai termini tal-artikolu 4, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta talab il-liberta provizjorja pendenti l-proceduri kostituzzjonali quddiem din l-istess Qorti kif preseduta, kif ukoll talab li jzid lanjanza dwar il-ksur tad-dritt ghall-assistenza ta' avukat [art. 6(3)(c)] tal-Konvenzjoni;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li oppona ghal din it-talba;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**1. Talba ghall-liberta provizjorja**

It-talba tar-rikorrenti hi intiza sabiex ma tkomplix tigi esegwita sentenza tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Frar 2017. Din is-sentenza illum ghaddiet in gudikat u

bdiet tigi ezegwita pero kontra dan il-gudikat ir-rikorrenti istitwixxa proceduri kostituzzjonali rigward allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem. Dawn huma l-fatti li jezistu sallum.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Stephen Pirotta vs Avukat Generali et** fuq rikors simili (13/2016 deciz fid-19 ta' April 2016):

> Illi l-mizuri provvizorji huma mahsuba biex izommu milli ssir hsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikacja tas-sentenza li tinghata dwar l-istess ilment[1]. F'dan ir-rigward, biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieġ li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja sejra ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu[2]. Ghalhekk, mhuwiex bizzejjed li wiehed joqghod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix certa li ssehh. Minhabba f'hekk, l-ghoti ta' provvediment provizorju f'kawza ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg[3];
>
> Illi huwa stabbilit ukoll li biex jinhalqu c-cirkostanzi halli jinghata rimedju provvizorju, jehtieg jintwera wkoll minn min jitolbu li hemm hsara imminenti li titlob it-tehid ta' provvediment bhal dak[4]

F'dak il-kaz il-Qorti qieset ukoll:

> Iadarba hemm sentenza li saret gudikat, din ghandha l-effett li tistabilixxi fatt accertat ghaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza "pro veritate habetur". Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza ohra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi taghha, u sakemm ma tinghatax sentenza bhal dik, is-sentenza tibqa' tghodd;

Illi ghalkemm l-ghoti tal-provvediment provvizorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taht ir-regolament 39 tar- Regoli tal-Procedura ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taht l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni[5], ma hemm l-ebda dispozizzjoni li tillimita l-ghoti ta' provvediment bhal dak biss ghall-imsemmija zewg artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm

[1] **Mamatkulov et vs Turkija** (Applik Nru 46837/99 § 110, 06/02/2003)
[2] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak **Theory & Practice of the European Convention on Human Rights**, 4th Ed. 2006 § 2.2.8.3, p 113
[3] **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et**, **(**PA Kost 16/04/2014)
[4] **Federation of Estate Agents vs Direttur Generali (Kompetizzjoni)** et, (Kost 25/09/2014)
[5] K Reid **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights**, 3rd Ed. 2007 § I.021, p 20

kazijiet fejn l-ghoti ta' provvediment inghata wkoll waqt proceduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni[6].

Ir-rimedju li r-rikorrent qieghed jitlob f'dan il-kaz mhuwiex it-twaqqif tas-smigh tal-kawza, izda l-helsien tieghu miz-zamma f'detenzjoni tal-piena li qieghed jiskonta bis-sahha tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Din il-Qorti tqis li ma ngiebet ebda prova jew cirkostanzi daqshekk gravi jew eccezzjonali fejn tqis necessarju anzi impellenti li din il-Qorti tordna l-iskarcerazzjoni tar-rikorrenti pendenti l-proceduri kostituzzjonali. It-talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur hi bazata fuq allegazzjonijiet ta' smigh xieraq (art. 6); influenza fid-dritt tar-rikorrenti fid-dritt tieghu ghad-difiza ta' 'reasonable belief' (art. 8) u diskriminazzjoni fl-applikazzjoni tal-artikolu 248B tal-Kap. 9 (art. 14) u b'talba ghal zieda fit-talbiet, it-tehid ta' stqarrija kontra l-ligi u b'nuqqas ta' harsien tad-dritt ta' smigh xieraq li waslet ghal kundanna eventwali tieghu. Dawn ic-cirkostanzi ghad iridu jigu pruvati fil-mertu quddiem din il-Qorti. Sa issa hemm biss allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li dawn il-lezjonijiet tad-drittijiet tieghu waslu ghal kundanna mhux misthoqqha. Il-Qorti pero ghadha ma stharrgitx fid-dettall dawn l-allegazzjonijiet billi kif inghad il-process ghadu fi stadju bikri. Dak li hu pero assodat f'dan l-istadju hu illi r-rikorrenti qed jiskonta sentenza ta' habs fuq decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ghaddiet in gudikat. Irid ikun hemm provi ta' natura eccezzjonali li pendenti proceduri dwar lezjoni ta' drittijiet li waslu ghal tali decizjoni, li din il-Qorti ghandha tikkonsidra 'interim measure' ta' helsien provvizorju minn skontar ta' sentenza. F'dan il-kaz tali provi ghadhom ma gewwx sottomessi ghax kif inghad, il-provi ghadhom fi stadju bikri.

**2. Talba ghal zieda fit-talbiet**

L-intimat Avukat Generali jissottometti illi din it-talba messha saret meta bdew il-proceduri kostituzzjonali u ma hemmx raguni fil-ligi procedurali ghaliex ghandhom jizdiedu l-parametri tal-azzjoni f'dan l-istadju iktar u iktar meta l-

6 **Ocalan vs Turkija** (Applik. 46221/99, 30/11/1999)

allegat fatt li ta lok ghal lanjanzi kienet gia maghrufa lir-rikorrenti qabel inbdew il-proceduri. Isostni wkoll li l-artikolu 175 tal-Kap. 12 ma hux applikabbli f'dan il-kaz. Il-Qorti wara li qieset dan kollu tqis li l-lanjanza principali ser tibqa' dik ta' lezjoni ta' drittijiet tal-bniedem taht diversi rjus u kull ma qed jaghmel ir-rikorrenti hu li jzid ras ohra dejjem taht l-istess talba principai cioe lezjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-proceduri ghadhom fi stadju bikri u l-intimat ghandu jinghata kull opportunita jipprezenta risposta ghal tali allegazzjni gdida bid-dritt li jessaq il-provi li jsostnu l-pozizzjoni tieghu. Ebda pregudizzju ma hu ser jigi rekat. In oltre anki jekk din it-talba ma tigix akkordata xejn ma jzomm lir-rikorrenti milli jressaq kawza gdida fuq din il-lanjanza biss. Ghalhekk il-Qorti ser tilqa din it-talba b'dan illi r-rikorrenti ghandhom permezz ta' nota jindika b'mod car u preciz il-premessa u t-talba a bazi tal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni li ghandhom jizdiedu fir-rikors promotur entro gimgha millum.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti filwaqt li tilqa l-ewwel talba fit-termini ta' din id-decizjoni, tichad it-tieni talba, spejjez ghar-rikorrenti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur